**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2005**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Il-ĦAMES SENA MALTI (FEHEM MIS-SMIGĦ) ĦIN: 20 MINUTA**

## Karta ta' l-Għalliem/a

## Gwida għat-tmexxija ta' l-eżami tal-Fehem mis-Smigħ

**Riżorsi:**
**1.** Test li jinqara
**2.** Karta tal-mistoqsijiet
**3.** Riga u lapes

INTRODUZZJONI: Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | • ser tinqralhom l-istorja ***"Fl-Ispazju".***<br>• għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari.<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan l-ewwel qari. | **(3 minuti)** |
| **2.** | • jaqraw il-mistoqsijiet mogħtija waqt li l-għalliem/a j/taqrahomlhom għal darba. | **(3 minuti)** |
| **3.** | • jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet u jisimgħu t-tieni qari tat-test.<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari. | **(3 minuti)** |
| **4.** | • għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba.<br>• jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija. | **(5 minuti)** |
| **5.** | • ser jinqralhom it-test għat-tielet darba.<br>• jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. | **(3 minuti)** |
| **6.** | • jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba. | **(3 minuti)** |

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2005**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Il-ĦAMES SENA MALTI (FEHEM MIS-SMIGĦ) ĦIN: 20 MINUTA**

## FL-ISPAZJU

1. Qed insellmilkom mill-i*space shuttle*. Aħna l-astronawti ninsabu tajbin u ma jonqosna xejn hawn fuq. Ħalli nfehemkom x'nagħmlu f'din il-vettura spazjali.
2. Biex immorru minn post għal ieħor inkunu qisna qed intiru. Aħna jkollna nżommu ma' ħabel biex naslu fejn irridu. Dan għaliex fl-ispazju m'hawn ebda ġibda li żżommna bil-wieqfa ma' l-art.
3. Aħna nilbsu speċi ta' libsa sħiħa. Il-materjal tagħha jħarisna minn ħafna perikli. Ġo din il-libsa għandna sistema li żżommilna ġisimna nadif.
4. Il-vettura tagħna tkun mimlija ossiġnu. Dan iżommna ħajjin f'dan l-ambjent. Fl-ispazju l-arja hija nieqsa mill-ossiġnu li għandna bżonn aħna l-bnedmin.
5. Aħna stess inħaddmu l-vettura b'kompjuters. Dawn qegħdin fil-ġenb ta' kamra kbira li ngħixu fiha. Qabel tlaqna fuq dan il-vjaġġ spazjali għamilna taħriġ siewi fid-dinja.
6. Aħna ġibna l-ikel tagħna mid-dinja. L-ikel huwa likwidu u għalhekk aħna niħduh minn fliexken permezz ta' pajp. Dan l-ikel fih is-sustanzi kollha li għandna bżonn biex nibqgħu f'saħħitna.
7. Ngħaddu l-ħin liberu tagħna nilagħbu u naħdmu fuq il-kompjuters. Noqogħdu niċċaqilqu minn post għal ieħor biex nagħmlu xi taħriġ fiżiku. Biex nistrieħu, ma norqdux fuq is-sodod. Aħna norqdu f'boroż weqfin dritti mal-ħajt tal-vettura spazjali.
8. Il-laboratorju huwa importanti ħafna fil-vettura. Fih isiru ħafna esperimenti. Hemm ukoll kamera kbira li tiġbed filmati tagħna u tibgħathom lejn id-dinja.
9. Ix-xogħol tagħna ta' astronawti ma jieqaf qatt. Irridu nżommu dixxiplina fuqna nfusna, nirrispettaw lil xulxin u naħdmu magħqudin bħala tim. Dan jgħinna biex ma ninqabdux fuq sieq waħda.
10. Ix-xjentisti fid-dinja jkunu qed jarawna l-ħin kollu minn fuq vidjo kbir. Għalhekk malli xi ħaġa tmur żmerċ, mill-ewwel insibu l-għajnuna tagħhom. Huma jgħinuna wkoll b'kull mod u f'kull ħin, l-iktar f'mumenti ta' nkwiet.

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. Din is-silta hija dwar
   - il-piloti.
   - l-astronawti.
   - ix-xufiera.
   - il-kaptani.

2. Qegħdin jitkellmu minn
   - kabina ta' vapur.
   - karozza tal-linja.
   - vettura spazjali.
   - fuq ajruplan.

3. Fl-ilbies tagħhom hemm sistema kif
   - jiġru.
   - jilbsu.
   - jitnaddfu.
   - jixxemxu.

4. Biex il-bnedmin jgħixu fl-ispazju għandhom bżonn
   - l-ossiġnu.
   - il-ħwejjeġ.
   - il-ħelu.
   - il-ħbieb.

5. Biex iħaddmu l-vettura spazjali jużaw
   - boxxla.
   - mapep.
   - '*playstation*'.
   - kompjuters.

6. Il-filmati lejn id-dinja jaslu permezz ta'
   - radju.
   - kamera.
   - telefon.
   - mowbajl.

7. L-ikel li jieklu
   - jkun imsajjar fl-ispazju.
   - jixtruh mill-ħanut.
   - jordnawh mill-qamar.
   - jiħduh magħhom mid-dinja.

8. Huma jorqdu

- fuq is-sodod.
- fl-art fuq it-tapiti.
- ġo boroż mal-ħajt.
- fuq siġġijiet tal-plastik.

9. Fil-vettura spazjali l-esperimenti jsiru

- fuq l-iskrivanija.
- fil-laboratorju.
- fil-maħżen.
- fl-uffiċċju.

**Aqta' sing taħt l-aħjar tifsira.**

10. ***Aħna għamilna taħriġ siewi qabel tlaqna.***

- Tgħallimna kif inħaddmu tajjeb il-vettura.
- Kellna nagħmlu ħafna ġiri biex inlaħħqu mal-vettura.
- Ma kellniex bżonn għajnuna qabel tlaqna.
- Il-vettura kellha bżonn xi tiswijiet qabel tlaqna.

11. ***Ma nistgħux ninqabdu fuq sieq waħda.***

- Ma nistgħux noqogħdu naqbżu.
- Ma nistgħux nużaw bastun.
- Irridu nkunu attenti ħafna l-ħin kollu.
- Irridu noqogħdu bil-wieqfa fuq iż-żewġ saqajn.

12. ***Għalhekk malli xi ħaġa tmur żmerċ...***

- Meta kollox imur tajjeb.
- Kif noħorġu mid-dinja.
- Hekk kif vetturi spazjali jieqfu jagħtuna l-għajnuna.
- Meta tinqala' xi problema.

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2005**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **IL-ĦAMES SENA** | **MALTI (FEHEM MIS-SMIGĦ)** | **ĦIN: 20 MINUTA** |
|---|---|---|

**Isem u Kunjom:** ______________________________________

**Klassi:** __________________________

| |
|---|
| Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.<br>Oqgħod attent/a l-ħin kollu.<br>Ara li tkun weġibt sewwa. |

Marki: 1 – 9 (marka kull waħda)
10 – 12 (2 marki kull waħda)
Total: 15-il marka

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. Din is-silta hija dwar
   - il-piloti.
   - l-astronawti.
   - ix-xufiera.
   - il-kaptani.

2. Qegħdin jitkellmu minn
   - kabina ta’ vapur.
   - karozza tal-linja.
   - vettura spazjali.
   - fuq ajruplan.

3. Fl-ilbies tagħhom hemm sistema kif
   - jiġru.
   - jilbsu.
   - jitnaddfu.
   - jixxemxu.

4. Biex il-bnedmin jgħixu fl-ispazju għandhom bżonn
   - l-ossiġnu.
   - il-ħwejjeġ.
   - il-ħelu.
   - il-ħbieb.

5. Biex iħaddmu l-vettura spazjali jużaw
   - boxxla.
   - mapep.
   - ‘*playstation*’.
   - kompjuters.

6. Il-filmati lejn id-dinja jaslu permezz ta’
   - radju.
   - kamera.
   - telefon.
   - mowbajl.

7. L-ikel li jieklu
   - jkun imsajjar fl-ispazju.
   - jixtruh mill-ħanut.
   - jordnawh mill-qamar.
   - jiħduh magħhom mid-dinja.

8. Huma jorqdu

- fuq is-sodod.
- fl-art fuq it-tapiti.
- ġo boroż mal-ħajt.
- fuq siġġijiet tal-plastik.

9. Fil-vettura spazjali l-esperimenti jsiru

- fuq l-iskrivanija.
- fil-laboratorju.
- fil-maħżen.
- fl-uffiċċju.

**Aqta' sing taħt l-aħjar tifsira.**

10. ***Aħna għamilna taħriġ siewi qabel tlaqna.***
    - Tgħallimna kif inħaddmu tajjeb il-vettura.
    - Kellna nagħmlu ħafna ġiri biex inlaħħqu mal-vettura.
    - Ma kellniex bżonn għajnuna qabel tlaqna.
    - Il-vettura kellha bżonn xi tiswijiet qabel tlaqna.

11. ***Ma nistgħux ninqabdu fuq sieq waħda.***
    - Ma nistgħux noqogħdu naqbżu.
    - Ma nistgħux nużaw bastun.
    - Irridu nkunu attenti ħafna l-ħin kollu.
    - Irridu noqogħdu bil-wieqfa fuq iż-żewġ saqajn.

12. ***Għalhekk malli xi ħaġa tmur żmerċ...***
    - Meta kollox imur tajjeb.
    - Kif noħorġu mid-dinja.
    - Hekk kif vetturi spazjali jieqfu jagħtuna l-għajnuna.
    - Meta tinqala' xi problema.

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2005**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **IL-ĦAMES SENA** | **MALTI (KITBA)** | **ĦIN: Siegħa** |
|---|---|---|

Isem ______________________________

Skola ______________________________

Klassi ______________________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek, l-isem ta' l-iskola u l-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



Malti 2005

## A. *Aqra sew din is-silta.*
## *Wara wieġeb b'sentenzi SĦAĦ.*

## *Sab Xortih*



Marjo beda jtella' u jniżżel kif se jgħid lill-ġenituri, l-aktar lil ommu. Mhux għax missieru ma jgħid xejn, iżda ommu kienet tibża' wisq mill-klieb. Il-biża' tagħha kien agħar mill-bard ta' Jannar! Meta kienet daqsxejn ta' tifla, tela' magħha kelb u baqgħet tibża' minnhom. Barra minn hekk id-dar għandhom qattus u peress li ħafna jgħidu li kelb u qattus ma jgħixux flimkien, kien bejn ħaltejn kif se jgħidilhom. *par. 1*

Dak in-nhar huwa u ġej mill-iskola bil-mixi, għax id-dar tiegħu hi tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-iskola, ra ġeru mixħut ma' l-art. Malli rah tħassru. Deher li kien mitluf, bil-għatx u bil-ġuħ. Jew kien ħarab lil xi ħadd jew, agħar minn hekk, xi ħadd kattiv kien tefgħu barra għal għonq it-triq. *par.2*

Il-ġeru ma tantx tah ċans jaħseb. Mar dritt warajh u malajr deher li kien fidil. Dak il-ħin ommu kienet qed tpaċpaċ barra mal-ġara u malli rathom, wiċċha nbidel. Deher ċar daqs il-kristall li ma kinitx qed tieħu gost u daħlet ġewwa bla kliem u bla sliem. *par.3*

Wara ftit, Marjo daħal id-dar ukoll. "Ma!" għajjat it-tifel. "Dal-ġeru ġie warajja! Jidher imġewwaħ! Nista' nagħtih xi ħaġa?" staqsa.
"Agħmel int, basta ma tressqux 'l hawn," wieġbet ommu mill-kċina. "Taf kemm nibża' minnhom," kompliet ommu b'leħen imwerwer. *par. 4*

Marjo ma tilifx ħin. Qabad plattina u mlieha bl-ilma. Il-ġeru kien mejjet bil-għatx. Ma ħasibhiex darbtejn u qabad jixrob. Milli jidher ommu tħassritu wkoll, għax b'għaġeb kbir ta' binha, qaltlu, "Marjo, dak il-ġeru mejjet bil-ġuħ. Aħjar tmur tixtrilu xi ħaġa ta' l-ikel." X'kien ġara eżatt biex biddlet fehmitha ma jafx, iżda żgur li l-imħabba li l-familja Vella għandha lejn l-annimali hija wisq akbar mill-biża'. Żgur li ma kinitx ħa tħallih jiġġerra barra u jinħaqar. Il-moħqrija mhi tajba għal ħadd. *par.5*

Malli missier Marjo wasal lura mix-xogħol, mhux talli ma qal xejn, iżda faħħar lil Marjo ta' dak li għamel. "Kieku kulħadd jifhem li anki l-annimali jħossu bħalna, kieku żgur ma ssib lil ħadd daqshekk kiefer!" qallu. Il-qattus ukoll aċċetta lill-ġeru u dejjem tarahom jieklu, jilagħbu u jorqdu flimkien. Żgur li l-idjoma 'qishom kelb u qattus' ma tgħoddx għalihom. Kieku n-nies jieħdu l-eżempju tagħhom, żgur li jkollna ħajja aħjar. *par. 6*

*Issa aqra, ifhem u wieġeb.*

*Tagħmilx żbalji fil-kitba.* **(13-il marka)**

1. Min kien jibża' ħafna mill-klieb f'din l-istorja? ______________________

______________________________________________

2. Għaliex kellha dan il-biża' kollu? ______________________

______________________________________________

3. Kemm jgħixu persuni f'din id-dar? ______________________

______________________________________________

4. Mis-silta sib aġġettiv li jiddiskrivi lill-ġeru. ______________________

5. X'kien kunjomha l-familja ta' Marjo? ______________________

______________________________________________

6. Għaliex skanta Marjo? ______________________

______________________________________________

7. Għid għaliex omm Marjo biddlet fehmitha. ______________________

______________________________________________

8. Kif taf li omm Marjo kellha qalbha tajba? ______________________

______________________________________________

9. Mis-silta, sib l-espressjonijiet li jfissru dawn:

(a) iddispjaċih għalih *(par. 2)* ______________________

(b) bla ma kellmitu *(par. 3)* ______________________

(ċ) bla ebda dubju *(par. 3)* ______________________

10. Għaliex l-idjoma **qishom kelb u qattus** *(par. 6)* ma tgħoddx għall-istorja tagħna? ______________________

11. X'tagħlima ħadt minn dan ir-rakkont? ______________________

______________________________________________

## B. *Mir-rakkont sib kelma **waħda** li tfisser:* **(8 marki)**

1. il-papà u l-mamà *(par. 1):*______________________________
2. il-missier tiegħu *(par. 1):* ______________________________
3. bla qalb *(par. 2):* ______________________________________
4. mans *(par. 3):* ________________________________________
5. mara li toqgħod qrib *(par. 3):* __________________________
6. għandu ħafna ġuħ *(par. 4):* _____________________________
7. it-tifel tagħha *(par. 5):* ________________________________
8. qalbu ħażina *(par. 6):* ____________________________________



## Ċ. *Agħti fi kliemek it-tifsira ta' dawn il-frażijiet.* **(10 marki)**

1. beda jtella' u jniżżel *(par. 1)* ________________________________________
_____________________________________________________________________
2. agħar mill-bard ta' Jannar *(par.1):*______________________________________
_____________________________________________________________________
3. bejn ħaltejn *(par.1):* _________________________________________________
_____________________________________________________________________
4. tefgħa ta' ġebla 'l bogħod *(par.2):* _______________________________________
_____________________________________________________________________
5. ma ħasibhiex darbtejn *(par.5):* _______________________________________
_____________________________________________________________________

*D. Aqra. Wara daħħal* ***verb differenti*** *fil-vojt.*
*Is-sentenza trid tagħmel sens.* **(9 marki)**

Marjo _______________ ġeru fi triqtu lejn id-dar. Malli l-ġeru _______________ lil Marjo, _______________ għal warajh. Għall-ewwel, ommu ma _______________ gost bil-ġeru, imma wara ftit tal-ħin _________________ fehmitha. Tant kellu għatx li _________________ l-ilma f'nifs wieħed. Marjo _________________ ħafna li kien _______________ lil dak il-ġeru. Huma _________________ ħbieb kbar.



*E. Ibdel il-kliem fil-parentesi b'kelma waħda li turi* ***l-maqlub****.*
*L-ewwel waħda lesta.* **(5 marki)**

Marjo **<u>sab</u> (tilef)** ġeru waqt li kien sejjer lura d-dar. Kien jidher ______________ **(nadif),** imma deher ______________ **(feroċi).** Il-ġeru kien ______________ **(oħxon)** u deher _____________________ **(ferħan)**.

Dak in-nhar, missier Marjo faħħar lil ibnu tal-qalb _____________________**(ħażina)** li kellu meta salva lill-ġeru u tah dar ġdida.



| |
|---|
| *F. Aqra s-sentenzi f'din is-silta. Wara daħħal kelma fil-**femminil** jew **fil-maskil** fil-vojt.* ***(7 marki)*** |

F'Ottubru, fl-iskola tagħna ċċelebrajna **"Jum l-Annimali"**. Għal din l-okkażjoni aħna t-tfal ġibna magħna bosta annimali. Fost l-annimali li ġibna biex nitkellmu fuqhom kien hemm:





Eż.1. kelb u **<u>kelba</u>**

2. ħmar u ______________________________
3. ______________________________ u papru
4. serduk u ______________________________
5. ______________________________ u debba
6. gidi u ______________________________
7. ______________________________ u nagħġa
8. bodbod u ______________________________





Dak in-nhar kien jum speċjali għalina għax rajna u tkellimna fuq l-annimali ħbieb tagħna u tgħallimna ħafna affarijiet fuqhom.

| |
|---|
| *Ġ. Ibdel in-numri fi kliem.* ***(5 marki)*** |



Il-familja ta' Marjo xtrat kompjuter _______________ (4) snin ilu. Kienu xtrawh mill-fiera għal ________________________________ (444) lira Maltin. Sena wara l-prezz tal-kompjuter raħas b'_____________ (100) lira. B'hekk sar jiswa _____________________________________ (344) lira. Sena wara l-oħra, il-prezz tiegħu baqa' jinżel, tant li llum sar jiswa biss _____________________________ (200) lira Maltin!

*G. Aqra sewwa.*

*Ara x'hemm fil-parentesi.*

*Sib it-tweġiba t-tajba.*

*Wara imla l-vojt.* **8 marki**

Din hija l-istorja ______________ Marjo. (agħżel minn **ta**, **taha**, **ta'**)

Marjo għalaq tmien ______________ . (agħżel minn **snien, snin, żmien**)

Joqgħod ______________ Naxxar (daħħal **l-artiklu** quddiem in-nom), imma spiss imur l-Imtaħleb fir-razzett li l-familja tiegħu għandhom hemm.

Huwa jħobb ħafna lill-______________ (kelma **oħra** minflok annimali) li jrabbu fir-razzett u ma ______________ (in-**negattiv** ta' jħobb) jara lil min jaħqarhom. Il-gost ta' Marjo hu meta joqgħod jiġġerra fil- ______________ (il-**plural** ta' wied) mal-kelb li kien sab. Illum Marjo u l-kelb tiegħu saru ħobża u ______________. (agħżel minn **butir, ilma, sikkina** biex tkompli l-idjoma) La jikber Marjo beħsiebu jilħaq tabib ta' l-annimali biex ikun jista' jgħinhom. Għalhekk qed jistudja kemm jiflaħ biex jaqta' ______________ (ix-xewqa tiegħu).



*GĦ. Ikteb komponiment ta' madwar 120 kelma dwar* ***wieħed*** *minn dawn is-suġġetti:* ***(20 marka)***

1. **L-għalliema tal-PE għażlitek biex tirrappreżenta lill-iskola tiegħek f'attività sportiva.**
   *Għid kif ħassejtek meta għażlitek, kif ħejjejt ruħek u x'ġara dak in-nhar ta' l-attività sportiva.*



2. **Ismek deher fil-gazzetta.**
   *Ikteb x'kienet l-okkażjoni, kif ħassejtek meta rajt ir-ritratt tiegħek u x'għamilt bil-gazzetta.*



3. **Inti u sħabek tal-klassi żortu post storiku.**
   *Għid fejn mortu, x'rajtu u x'għamiltu. Ikteb ukoll x'tgħallimt minn din il-ħarġa edukattiva.*

4. **Ili nfaddal mhux ħażin. Issa lħaqt is-somma li għandi bżonn. Kemm ili nixtieq li …..**
   *Kompli.*



5. **Ħarġa bil-kelb.**

*Għid x'ġara meta Marjo ħareġ bil-kelb tiegħu . Dawn l-istampi jistgħu jgħinuk.*



***Tmiem il-Karta***